MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 489/2007

**A u B.**

**-vs-**

**C;  D u X.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2007 li permezz tiegħu l-atturi esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw:

Illi l-attriċi u l-konvenut C isseparaw minn xulxin fl-24 ta' Frar, 2007, u kien ilhom ma jikkoabitaw sa minn Lulju 2006, u minn relazzjoni ta' l-attriċi ma' B, l-attur l-ieħor, twieled il-minuri X li ngħata bħala paternita' l-isem tal-konvenut, li fil-fatt m'huwiex missieru, u dan fit-22 ta'

Novembru, 2007, biss ftit ġranet qabel it-terminu legali biex seta’ jitniżżel bħala bin missier mhux magħruf.

Illi għalhekk il-konvenut m’huwiex missier it-tarbija X.

Illi għalhekk b’liġi trid issir din il-kawża ħalli jiġi ddikjarat illi dan l-istat ta’ paternita’ m’huwiex korrispondenti mal-fatti.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(1) tiddikjara li t-tarbija X li twieled fit-22 ta’ Novembru, 2007, skond iċ-ċertifikat 4043 tas-sena 2007 (hawn anness bħala Dokument A), m’għandhiex bħal missierha lill-istess konvenut C, imma missier it-tarbija huwa l-attur l-ieħor B, karta ta’ l-identita’, bin omissis, imwieled, Għawdex.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-ammissjoni tal-konvenut C et.

Rat l-atti proċesswali, u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif titlob il-liġi.

Rat l-affidavit ta’ l-attur u ta’ missieru.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha u rreġistrata bħala bint ir-raġel tagħha, il-konvenut C, hija fil-fatt ta’ l-attur B. Dan huwa kkonfermat mill-konvenut C. Jirriżulta li l-attriċi u żewġha sseparaw legalment ftit xhur qabel it-twelid tat-tifel X, iżda għalkemm marret tirreġistrah flimkien ma’ l-attur imsemmi, dan ġie rrifjutat minħabba li ma kienx għadda t-terminu ndikat mil-liġi.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attriċi, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret.

**Għalhekk il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna li l-konnotati ta' l-attur B jiġu mdaħħla minflok dawk tal-konvenut C fl-att tat-twelid imsemmi fir-rikors.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------